# Is-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja f'Għawdex



Mario Fenech

Meta l-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini waslu għall-ewwel darba f'Għawdex huma kienu ħasbu biex jibnu l-knisja u l-kunvent tagħhom fl-inħawi magħrufa bħala ta' *Fomm il-Ġir*.

Hemmhekk diġà kien hemm knisja żgħira li kienet iddedikata lit-Twelid tal-Madonna. Il-Patrijiet kienu ġew mogħtija l-permess biex jagħmlu użu minn din il-knisja mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi nhar id-19 ta' Settembru tas-sena 1736, u jingħad li meta dawn kienu marru biex jaraw il-post fejn kienu beħsiebhom jibnu l-kunvent tagħhom waħda mara xwejħa kienet qalet li dawn huma l-patrijiet li kienet tara kull filgħaxija deħlin jinvistaw lill-Madonna fil-knisja.

Il-patrijiet meta semgħu dan, iddeċidew li jibdew jgħammru fl-inħawi u malajr kienu taw il-bidu għall-bini tal-kunvent tagħhom biswit il-knisja ddedikata lit-Twelid tal-Madonna.

Fil-kitba ta' l-Istoriku Kapuċċin Patri Pelaġju, Patri għaref minn Ħaż-Żebbuġ (hekk kien magħruf) naqraw li għall-ħabta tas-sena 1693 kienet dehret purċissjoni devota magħmula minn numru ta' Patrijiet bl-ilbies Franġiskan immexxija minn mara sabiħa kollha ġmiel u dija li allura kienet tirrappreżenta lill-Madonna. Din id-dehra n-nies jidher li ma fehmithiex mill-ewwel sakemm 43 sena wara l-Patrijiet Kapuċċini bdew jabitaw f'dan il-post.

Il-knisja li bdew jużaw il-patrijiet ma kinitx l-ewwel waħda li nbniet f'dan il-post, għaliex qabilha kien hemm oħra li kienet iddedikata lil Sant'Agatha Qaddisa maħbuba ferm mill-Poplu Malti u Għawdxi dak iż-żmien. Din il-knisja kienet ġiet Sagrileġġjata mit-Torok waqt wieħed mill-attakki li spiss kienu jagħmlu fuq il-gżejjer Maltin.

Kien wara l-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Fra Baldassere Cagliares li kien dam Isqof ta' Malta bejn is-sena 1615 u l-1633 li din il-knisja kienet giet mibnija mill-ġdid u ddedikata lit-Twelid tal-Madonna. Skond l-Atti tan-Nutar Alessandro Vivieri nafu li kien sar kuntatt nhar il-25 ta' Novembru 1736 li permezz tiegħu l-knisja kienet ġiet mogħtija lill-Patrijiet Kapuċċini mingħajr ħlas u piżijiet, mill-Isqof Pawlu Alpheran de Bussan.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna b'dan it-titlu malajr bdiet tinxtered madwar il-gżira kollha u fost dawk li kienu taw is-sehem tagħhom b'riżq il-bini tal-kunvent tal-Patrijiet u l-knisja li naraw illum kien hemm il-Gran Mastru Fra Manoel de Vilhena li kien dam imexxi l-gżejjer Maltin bejn is-snin 1722-1736.

L-ewwel ġebla tal-bini tal-knisja tqiegħdet f'Lulju tas-sena 1737 u l-knisja ġiet ikkonsagrata f'Ottubru tas-sena 1755 mill-Isqof Pawlu Alpheran de Bussan.

Ġara iżda li maż-żmien tant kienu qegħdin jinqalgħu grazzji bl-interċessjoni tal-Madonna li bosta kienu dawk li bdew isejħu lil din ix-xbieha tal-Madonna bħala *Tal-Grazzji*.

Fatt ieħor li permezz tiegħu din ix-xbieha tat-Twelid tal-Madonna li kien hemm fil-knisja bdiet tissejjaħ tal-Grazzji, kien dak tat-terremot qawwi li kien laqat il-gżejjer Maltin f'Jannar tas-sena 1693. Kien terremot li għamel ħafna ħsara tant li kienu ntlaqtu kemm il-Katidral ta' l-Imdina kif ukoll dak ta' Għawdex. In-nies maħkuma minn biża' kbir irrikorrew lejn il-Madonna biex din teħlishom minn diżastru akbar. Il-Kleru u l-Poplu Għawdxi permezz tar-rappreżentanti tagħhom marru jagħmlu Wegħda Pubblika b'Att Nutarjali għand in-Nutar Gio Batta Dorbes fil-15 ta' Mejju 1693 fejn dawn intrabtu li kull sena jmorru proċessjonalment mill-Knisja Kolleġġjata għall-knisja tal-Madonna tal-Grazzja ta' Fomm il-Ġir.

Din il-purċissjoni Votiva wieħed jista' jaraha fil-kwadru titulari tal-knisja li pinġa l-Artist Stefano Erardi. Dan il-kwadru kien sar minflok dak li kien hemm qabel li kien juri t-Twelid tal-Madonna.

Mal-mixja tas-snin nistgħu ngħidu li l-ewwel titlu ntesa għal kollox u l-knisja baqgħet tissejjaħ tal-Grazzja. Il-kwadru titulari kien ġie solennement inkurunat nhar il-Ħadd 27 ta' Jannar 1952 mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Ġużeppi Pace mgħejjun mill-Isqof Mons. Emanuel Galea Vigarju Ġenerali ta' Malta u Mons. Bernardino Salvatore Re Isqof ta' Lipari.

Dan huwa Santwarju Marjan ferm għażiż għall-poplu Għawdxi magħruf bħala tal-Madonna tal-Grazzja li ra l-bidu tiegħu minn knisja ċkejkna ddedikata lit-Twelid tal-Madonna.

**Il-festa t-tajba lil kulħadd.**